# LIL WIED IL-GHASEL

Ja wied il-għasel li dil-gżira tifraq
Minn Miġra l-Ferħa sal-melħ tas-salini,
Sew jekk tinfirex ma' l-Imtaħleb aħdar
Kemm meta tgerbeb ġol-Fiddien daħqani,
Ma fikx biss ġebla mingħajr ġmiel li jsaħħar,
Ma għandekx biss roknu mingħajr ħrafa tagħha.
Ma nafx fejn hawn li jisboq lil Imtaħleb
Fil-ġmiel u l-ħlewwa. Waqt il-lejla siekta
Minn għorfa nofs moħbija qalb is-siġar
Toħroġ il-għanja safja ta' xi tfajjel.
Il-ġmiel u l-ħemda ta' dar-raba' msaħħar
Italla' il-għana minn qalb il-bnedmin,
U jien, li dejjem f'ħaġa waħda naħseb,

Ingħolli leħni u din il-għanja ntenni:
Alla li ħlaqt il-ġmiel ta' mingħajr tebgħa,
Alla li ħlaqt it-tajjeb ta' din l-art,
Alla li inti ħniena, int għerf u mħabba,
Ħallini nilmaħ dal-mirâklu tiegħek,
Għaġeb ta' ġmiel li int għoġbok toħolqilna.
Filfla, kaħla, fil-bogħod ġo baħar ikħal;
Qisha xi ġawhra li mis-sema waqgħet.
U raba' li bix-xewqa tiegħek ħaddar,
U ilma li bix-xewqa tiegħek sqieh.

Il-bniedem, li bi ħsiebu mar ifittex
Is-sewwa qalb in-nies u ma sabhiex;
Il-bniedem, li għażżien ried isib hena
Barra mix-xogħol u reġa' huwa għajjien;
Ix-xwejjaħ b'qalb imweġġħa bid-daqqiet
U bit-tkażbir tad-dinja li ma tafx;
Kollha ġew hawn u għandek sabu faraġ.

. . . . . . . . .

U iżjed l-isfel fejn il-wied mill-Qliegħa
Jmur jissemma, ma tarax ħlief ilma,
Wieqaf, miexi, jiġġerra jew jitgerbeb
Minn ħitan għolja għal ġo għadajjar kbar.
Meta jien nilmaħ dan il-għana kollu,
Ngħid, waqt li jdejja ġewwa fih inbaħbaħ:
Imbierek l-ilma li jsaqqilna artna,
Imbierek l-ilma li jaqtgħalna l-għatx,
Imbierek l-ilma li jatina l-ħajja,
Imbierek l-ilma li ma jirbħu ħadd.

U jekk minn qiegħ dal-wied il-fuq int tħâres
Tilmaħ l-Imdina wieqfa, għolja w sbejħa,
Qisha sultana fuq it-tron minn tagħha.
Min jaf, ja belt, ta żmenijiet li ħarbu
Kemm rajt id-dinja tbiddlet ġo treqatek!
Issa inti siekta; saħħa biss bakâlek
U ġmiel li ma ħarbekx bħalma għamlu niesek.
Iżda żmien ilu rajt in-nies ta' Ruma,
Iħawlu djarhom fuk l-għoljiet qawwija,
U wara Ruma rajt in-nies t'Għarabja
Jaħqru dil-gżira bit-treġija tagħhom.
Ruġġieru wara ħelsek minn dal-jasar,
Għammrek bid-djar, bil-knejjes u palazzi.
Hadlek 'il-Korsikân dehbek u flusek
Iżda ma seta' qatt biss inaqqaslek
Il-ġmiel u l-qagħda ta' xi ħaġa kbira.
U jibqa miexi dan il-wied fi ġmielu
Qalb raba' u mogħxa sa fejn hemm il-Knisja
T'Ommna tat-Tama. Hawn il-Mostin għaxu
U ħadmu sakemm għarfu jagħmlu ħaġa,
Li tibqa sa kemm jibqa nisel Kristu,
Wirja ta' ħedma w ta' twemmin imqaddes.

Bħalma x-xemx sabiħa iżjed hi f'inżulha,
Bħalma kull għanja isbaħ hi fit-tmiem,
Hekk dan il-wied li hu sabiħ ma' tulu
Fit-tmiem issib int l-oħla tal-ġmiel tiegħu.
Oh! kemm-il-darba jiena ġibt hawnekka
L-eħrex ħsebijiet tiegħi, kemm-il-darba
Is-skiet ta' dan il-wied niżel bħal duwa
Li l-qalb muġugħa tfejjaq minn kull niket.
Hawnekk jien sibt dak li ċaħditli d-dinja
Mistrieħ u hena li qatt ma jintesa.
Qalb dan il-ward u dil-fwieħa tal-plejju,
Qalb il-ġmiel kollu tan-natura f'Mejju,
Tar minn quddiemi kull taħbit ta' moħħi,
Insejt in-niket, insejt li għandi gisem,
Li malajr jagħleb ir-raġuni safja.
Ma hawnx ħlief skiet! In-naħal ftit iżanżan,
L-għasfur ipespes fuq balluta xiħa;
Xi nagħġa fuq il-blat għoli tittarraf,
Waqt li fil-qiegħ tal-wied ċarċir ta' ilma
Tistħajjlu serp tal-fidda jimxi w jimraħ.
Xejn ma tbiddel miż-żmien li San Pawl tela'
B'ġemgħa ta' nies warajh minn ħdejn il-baħar
Fis għan-Naxxar, biex hemm għal l-ewwel darba
Lil niesna jsemmagħhom il-kelma ta' Alla.

Nies twieldu u mietu ; telgħu saltniet w għabu,
Imma f'dal-wied anqas ħaġra ma tbiddlet,
W għat-tfajjel li qe'd jirgħa l-merħla bajda
Xejn ma tbiddlet id-dinja. In-nies jiġġieldu,
Jatu, jitqâtlu, iżda xorta waħda
F'dan il-wied ċkejken għadha tonqob warda
Li tħabbar ir-rebbiegħa. Xorta n-naħal
Fis-sajf jaħżen il-għasel ġo bejtietu,
U xorta s-siġar fil-ħarifa jinżgħu
Il-weraq li jħaddarhom. Xorta waħda
Ix-xitwa ġġib dik il-qawwa tal-ilma
Li tgerbeb kull ma ssib, li taħsad
Ix-xtieli minn għeruqhom, bħalma ż-żmien
Mingħajr xejn ħniena jkeċċi minn ġo d-dinja
In-nies il-fqar, il-għonja, u lil dawk kollha
Li għadhom ma ġewx igħammru fuq din l-art.

15·5-31 A. E.